# 19. Id-Dielja

L-imqass taż-żabra qata' ż-żarġun kollu;
l-aħħar buffuri ħadu l-weraq kollu;
u d-dielja baqgħet qisha ħaġa mejta
mal-kannizzata.

Ah! le, mhix bint il-mewt id-Dielja tagħna,
'mma bint il-ħajja; ġewwa z-zokk sewdieni
bil-qoxra kollha ħjut qed jiġru ħsejjes
ta' omm tistenna;

Meraq il-ħajja li l-uċuħ iwarrad,
li l-Iben t'Alla għażel b'xebh ta' demmu,
qed jiġri ġewwa z-zokk b'rogħda qawwija
u jrid li joħroġ;

U meta jidħol marzu u dawk l-egħkiesi
kollha jintefħu, id-Dielja tħoss il-ferħa
tal-ħlas, kif tħoss kull omm, hekk kif jitwieldu
l-għenieqed ċkejkna.